# AQUATIC SPORTS ASSOCIATION OF MALTA

## BORD TA' PROTESTI - 2005

**ARTIKLU 1. HATRA**

Il-Kunsill tal-A.S.A. ghandu jahtar ghadd ta' persuni biex iservu bhala membri tal-Bord ta' Protesti (il-quddiem riferit bhala l-Bord) u li jiddelegalhom is-setghat kollha tieghu, skond l-Istatut tal-A.S.A. u fl-ambitu tal-Kodoci ta' Dixxiplina tal-A.S.A.

**ARTIKLU 2. KOMPETENZA TAL-BORD**

i. Il-Bord hu kompetenti biex jisma u jiddeciedi dwar protesti maghmula:
   a. Minn clubs fuq kazijiet li jikkoncernaw loghob tal-*Waterpolo* jew Ghawm, sew jekk kienu involuti direttament fl-avveniment in kwistjoni u anki jekk ma kienux;
   b. Minn individwi fuq kazijiet li jikkoncernaw l-Ghawm, sew jekk kienu involuti direttament fl-avveniment in kwistjoni u anki jekk ma kienux.

ii. Il-Bord hu kompetenti biex jisma u jiddeciedi dwar protesti li jistghu ikollhom effett fuq rizultat ta' xi loghba *Waterpolo* jew avveniment tal-Ghawm fuq kazijiet fejn ikun hemm allegazzjoni ta' ksur ta' regolamenti jew procedura kif stipulat fl-Istatut jew *Competition Rules* tal-A.S.A./F.I.N.A.

**ARTIKLU 3. KOMPOZIZZJONI TAL-BORD**

i. Il-Bord ikun kompost minn tlett (3) membri.
ii. Il-quorum tal-Bord ikun ta' zewg (2) membri.
iii. Il-membri prezenti ghandhom jelegu *Chairman* minn fosthom. Ic-*Chairman* tal-Bord ghandu jassigura ruhu li il-partijiet kollha involuti fil-protest jinghataw "*fair hearing*".
iv. Kull membru tal-Bord ghandu vot wiehed biss, hlief fil-kaz tac-*Chairman* li ikollu dritt ghal vot originali u *'casting vote'* jekk ikun il-kaz.
v. Il-Bord ghandu ikun assistit mis-Segretarju Generali tal- Assocjazzjoni jew minn persuna ohra mahtura mill-Kunsill ghall dan l-iskop. Is-Segretarju Generali jew is-Segretarju tal-Bord, skond il-kaz, ma jkollux id-dritt li jivvota ghalkemm jista' jiehu parti fid-diskussjonijiet tal-Bord u jaghti d-deposizzjoni tieghu tal-fatti fejn ikun il-kaz.

**ARTIKLU 4. PROCEDURA FUQ PROTESTI**

i. Taht piena ta' nullita kull protest ghandu:
   a. Ikun bil-miktub;
   b. Jasal ghand is-Segretarju Generali tal-A.S.A. fi zmien erbgha w ghoxrin (24) siegha mit-tmiem tal-avveniment in kwistjoni;
   c. Ikun iffirmat minn min qed jaghmel il-protest. Fil-kaz ta' protest minn club, il-firmatarju ghandu jnizzel il-kariga ufficjali tieghu fil-*club*;
   d. Ikollu fih il-punti ta' kontestazzjoni li fuqhom qed jigi bbazat il-kaz;
   e. Immseghmija l-persuna/i li tkun/jkunu se tittrattajittrattaw l-kaz, kif ukoll lista tax-xhieda, jekk hemm.

ii. Is-Segretarju Generali ghandu jibghat kopja tal-protest, (jekk ma' jkunx diga sar) kif ukoll avviz bid-data, hin u post tas-seduta tal-Bord kif ukoll l-ismijiet ta' min jkun se jittratta il-kaz minn naha-tal ASA, il-persuna appuntata biex tassistih, u lista tax-xhieda, jekk hemm.
   a. Lill-membri tal-Bord;
   b. Lill-*club* kontra min sar il-protest; b'dana li meta protest ikun sar fuq avveniment tal-Ghawm u xi parti ikkoncernata ma tkunx tirraprezenta xi *club*, tali kopja u avviz ghandhom jintbaghtu direttament lill-ghawwiem.

iii. Jithallas depozitu ta' Lm 50 ma kull protest, liema depozitu jigi rifondut biss jekk il-protest jigi milqugh *in toto*.

**ARTIKLU 5. PROCEDURA TAL-BORD**

i. Il-Bord ghandu l-jedd li
   a. Jirregola l-procedura tieghu stess;
   b. Jisma' ix-xhieda migjuba mill-partijiet koncernati li jkunu fuq il-lista tax-xhieda depositata;
   c. Jisma' xhieda ohra li fil-fehma tieghu huma opportuni u rilevanti.

d. Jilqa' talba ghall differiment sabiex jinstemghu xhieda u/jew sabiex jingiebu dokumenti, biss f'cirkostanzi eccezzjonali, u stante li tali differiment ma' jinterferixxi bl-ebda mod mat-tmexxija tal-kompetizzjonijiet tal-Assocjazzjoni.

ii. Is-Segretarju Generali jew is-Segretarju tal-Bord, skond il-kaz, ghandu jinforma lill-Bord b'decizjonijiet precedenti fuq kazijiet simili.

iii. Il-partijiet kollha koncernati, cioe' min ghamel il-protest u kontra min sar il-protest, ghandhom dritt li
   a. Ikunu prezenti sa l-eghluq tas-smiegh;
   b. Iressqu xhieda skond il-lista tax-xhieda u/jew dokumenti fis-seduta ffissata ghas-smiegh tal-kaz;
   c. Jaghmlu kontro-ezami tax-xhieda li jigu prodotti.

iv. Il-Membri tal-Kunsill ghandhom id-dritt li jattendu bhala osservaturi fis-seduta kollha tal-istess Bord sa l-eghluq tas-smiegh tal-protest mill-partijiet koncernati.

v. Ic-*Chairman* jista' fid-diskrezzjoni tieghu jeskludi mis-smiegh tal-protest kwalunkwe persuna.

vi. Il-Bord ghandu jipprocedi bil-kaz anke fl-assenza ta' wahda mill-partijiet ghal-protest, hlief fil-kaz li tali parti turi a sodisfazzjoni tal-Bord li ghandha raguni valida ghall-assenza taghha u stante li l-eventwali differiment ma' jinterferixxi bl-ebda mod mat-tmexxija tal-kompetizzjonijiet tal-Assocjazzjoni. Jekk ma jirrizultax li hemm raguni valida ghall-assenza tal-parti li kontrieh ikun sar il-protest, il-Bord jista' mhux biss jipprocedi bis-smiegh u decizjoni tal-protest, izda jista' wkoll jimponi multa li ma tkunx aktar minn ghoxrin lira (Lm20) f'kaz ta' *Club*, u li ma tkunx aktar minn ghaxar liri (Lm10) f' kaz ta' individwi**.**

**ARTIKLU 6. DECIZJONIJIET TAL-BORD**

i. Il-Bord ghandu jiddelibera fuq il-kaz u jaghti d-decizjoni tieghu fl-istess seduta.

ii. Ic-*Chairman* jista' jitlob l-ghajnuna ta' kwalunkwe membru tal-Kunsill waqt id-deliberazzjoni tal-Bord fuq il-kaz.

iii. Id-decizjoni ghandha tkun bil-miktub u ffirmata mic-*Chairman*.

iv. Jekk protest jirrizulta ppruvat, il-Bord ghandu d-dritt :
   a. Li f'kaz ta' loghba *Waterpolo*
      i. Jaghti l-punti tal-loghba in kwistjoni lill-avversarju tal-*club* li jkun tilef il-protest; u/jew
      ii. Ma' jaghti l-punti tal-loghba in kwistjoni lill ebda *club* involut fil-loghba; u/jew
      iii. Jannulla il-partita in kwistjoni u jordna li din terga' tigi milghuba: u/jew
      iv. Jaghti pieni skond il-Kodici tad-Dixxiplina.
   b. Li f'kaz ta' avveniment tal-Ghawm
      i. Jibdel ir-rizultat tal-avveniment; u/jew
      ii. Jannulla l-avveniment in kwistjoni u jordna li dan jerga' jsir; u/jew
      iii. Jaghti pieni skond il-Kodici tad-Dixxiplina.

v. F'kaz li l-Bord isib li ghandu jaghmel rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill sabiex tittiehed azzjoni ulterjuri fuq kwalunkwe materja li tigi a konjizzjoni tal-Bord waqt is-smiegh ta' protest, il-Bord ghandu jaghmel tali rakkomandazzjonijiet fl-istess decizjoni.

vi. F'kaz li jirrizulta li protest huwa frivolu u vessatorju, il-Bord ikollu l-jedd,
   a. Li fil-kaz ta' protest imressaq minn *club*
      i. Jimmultah mhux aktar minn tmenien lira (Lm80); u/jew
      ii. Inaqqas mhux aktar minn zewg punti li l-*Club* imsemmi ikun diga akkwista jew li jista' jakkwista fil-futur,
   b. Li fil-kaz ta' protest imressaq minn individwu
      i. Jimmultah mhux aktar minn hamsa u ghaxrin liri (Lm25 *liri*).

vii. Il-partijiet koncernati ghandhom jigu nfurmati bid-decizjoni tal-Bord mill-aktar fis possibbli.

viii. Huwa l-obbligu ta' kull *Club* koncernat illi jiehu hsieb jinforma ruhhu minghand is-Segretarju Generali tal-A.S.A. dwar id-decizjoni li tkun inghatat, u jekk dan il-*Club* koncernat jonqos milli jinforma ruhhu jitqies li xorta wahda gie notifikat bid-decizjoni.

**ARTIKLU 7. APPELLI**

Id-Decizjonijiet tal-Bord ta' Protesti m'humiex appellabli.

**ARTIKLU 8. BDIL TAR-REGOLAMENTI**

Dawn ir-regolamenti jistghu jigu emendati qabel il-bidu ta' kull stagun mill-Kunsill tal-A.S.A., kif jidhirlu xieraq.